

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 27.4.2011
KUMM(2011) 229 finali

2011/0098 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-firma, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li
jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-
Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap
Verde**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Abbażi tal-mandat mogħti lilha mill-Kunsill¹, il-Kummissjoni Ewropea innegozjat mar-Repubblika tal-Kap Verde bil-ħsieb li jiġġedded il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde, tad-19 ta' Diċembru 2006. Wara dawn in-negozjati, fit-22 ta' Diċembru 2010, ġie inizjalat Protokoll ġdid li jkopri perjodu ta' 3 snin li jibda mill-1 ta' Settembru 2011, filwaqt li l-Protokoll fis-seħħ jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2011.

Din il-proċedura nbdiet b'mod parallel mal-proċeduri dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill bil-kunsens tal-Parlament dwar il-konklużjoni tal-Protokoll innifsu, kif ukoll mar-Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri tal-UE.

Għad-definizzjoni tal-pożizzjoni ta' negozjar tagħha, il-Kummissjoni bbażat, fost oħrajn, fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni *ex post* imwettqa minn esperti esterni.

L-għan ewlieni tal-Protokoll ta' Ftehim huwa li jiddefenixxi l-opportunitajiet tas-sajd offruti lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea skont iż-żejjed disponibbli kif ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta, separatament, skont id-drittijiet tal-aċċess u tal-appoġġ settorjali.

L-għan ġenerali huwa li tkompli l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde favur l-istabbiliment ta' qafas ta' sħubija għall-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Kap Verde, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll il-ġdid jikkonforma max-xewqa taż-żewġ Partijiet li jsaħħu s-sħubija u l-kooperazzjoni fis-settur tas-sajd bl-istrumenti kollha finanzjarji disponibbli. Għal dan il-għan, għandha tiġi mfakkra l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas adattat għall-iżvilupp tal-investimenti f'dan is-settur u l-promozzjoni tal-produzzjoni tas-sajd artiġjanali.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja globali tal-Protokoll ta' EUR 1 305 000 matul il-perjodu kollu hija bbażata fuq: a) tunnellaġġ ta' referenza annwali stabbilit għal 5,000 tunnellata għal 74 bastiment li jikkorrispondi għal EUR 325 000 fis-sena, u b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tar-Repubblika tal-Kap Verde li jammonta għal EUR 110 000 fis-sena. Dan l-appoġġ jilħaq il-miri tal-politika nazzjonali tas-sajd.

Rigward l-opportunitajiet tas-sajd, 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun, 35 bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ u 11-il bastiment li jistad bil-qasab u x-xliet se jkunu awtorizzati jistadu. Madankollu, minħabba l-valutazzjonijiet annwali tal-istat tal-istokkijiet, dawn l-opportunitajiet tas-sajd jistgħu jiżdiedu jew jonqsu, u dan jinvolvi analiżi adegwata mill-ġdid tal-kontribuzzjoni finanzjarja.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jadotta l-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll permezz ta' deċiżjoni..

¹ Deċiżjoni Nru 12600/10 tas-27 ta' Settembru 2010

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2027/2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde²,
- (1) Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti minn dan il-Ftehim ta' Sħubija jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2011.
- (2) L-Unjoni Ewropea nnegożjat mar-Repubblika tal-Kap Verde (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kap Verde") Protokoll ġdid li joffri lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet li fihom il-Kap Verde teżerċita s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħha fuq is-sajd.
- (3) B'riżultat ta' dawn in-negożjati, ġie inizjalat il-Protokoll il-ġdid fit-22 ta' Diċembru 2010,
- (4) Sabiex jiżgura l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-UE, l-Artikolu 15 tal-Protokoll il-ġdid jipprovdi għall-applikazzjoni proviżorja tiegħu.
- (5) Jeħtieġ li l-Protokoll il-ġdid jiġi ffirmat u applikat proviżorjament, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Regolament tal-Kunsill Nru 2027/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006, ĠU L 414, 30/12/2006, p. 1.

Artikolu 1

Il-firma tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde huwa approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuni li għandhom is-setgħa biex jipproċedu f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Settembru 2011, skont l-Artikolu 15 tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

Protokoll

Protokoll bi ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet

Artikolu 1

Perjodu ta' applikazzjoni u opportunitajiet tas-sajd

1. Għal perjodu ta' tliet snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd huma stabbiliti kif ġej:

Speċijiet li jpassu ħafna (speċijiet elenkati fl-Anness 1 għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-liġi tal-Baħar tal-1982):

- bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun bil-friża abbord: 28 bastiment,
- bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief: 11-il bastiment,
- bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ: 35 bastiment.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4 u 5 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 2

Kontribuzzjoni finanzjarja – Termini ta' ħlas

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd hija stabbilita, għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1, għal EUR 435 000.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tinkludi:
 - (a) ammont annwali għall-aċċess għaż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) tal-Kap Verde ta' EUR 325 000 ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 5 000 tunnellata fis-sena, u
 - (b) ammont speċifiku ta' EUR 110 000 fis-sena għall-appoġġ għall-implementazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd tal-Kap Verde.
3. Il-paragrafu 1 għandu japplika skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3, 4, 5, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll u tal-Artikoli 12 u 13 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd.
4. Jekk il-kwantità globali tal-qabdiet magħmula mill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet tal-Kap Verde tkun ogħla minn 5 000 tunnellata fis-sena, l-ammont totali EUR 325 000 tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali jiżdied b'EUR 65 għal kull tunnellata addizzjonali maqbuda. Madankollu, l-ammont totali annwali mħallas mill-

Unjoni Ewropea ma jistax ikun ogħla mid-doppju tal-ammont indikat fil-paragrafu 2(a) (EUR 325 000). Meta l-kwantitajiet maqbuda mill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea jkunu ogħla mill-kwantitajiet li jikkorrispondu għad-doppju tal-ammont annwali totali, l-ammont dovut għall-kwantità li tkun ogħla minn dan il-limitu jitħallas is-sena ta' wara.

5. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fil-paragrafu 2(a) u (b) hawn fuq għandu jsir mhux aktar tard minn 60 jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għall-ewwel sena u mhux aktar tard mid-data tal-anniversarju tal-Protokoll għas-snin segwenti.
6. L-allokkazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fil-paragrafu 2(a) taqa' taħt id-diskrezzjoni sħiħa tal-awtoritajiet tal-Kap Verde.
7. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tiġi ttrasferita f'kont uniku tat-Teżor Pubbliku miftuħ f'istituzzjoni finanzjarja magħżula mill-awtoritajiet tal-Kap Verde.

Artikolu 3

Promozzjoni ta' sajd sostenibbli u responsabbli fl-ilmijiet tal-Kap Verde

1. Il-Partijiet għandhom jiftiehem fi ħdan il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd, sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, dwar Programm Settorjali Multiannwali, u r-regoli tal-applikazzjoni tiegħu, b'mod partikolari:
 - (a) il-linji gwida annwali u multiannwali għall-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fl-Artikolu 2(2)(b);
 - (b) l-għanijiet, kemm annwali kif ukoll multiannwali, li għandhom jintlaħqu sabiex jitravwem sajd sostenibbli u responsabbli, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet tal-Kap Verde fil-politika nazzjonali tas-sajd jew ta' politiki oħra konnessi jew li għandhom impatt fuq il-promozzjoni tas-sajd responsabbli u sostenibbli;
 - (c) il-kriterji u l-proċeduri li jridu jintużaw biex issir evalwazzjoni tar-riżultati miksba, fuq bażi annwali.
2. Kwalunkwe emenda proposta għall-Programm Settorjali Multiannwali teħtieġ l-approvazzjoni taż-żewġ Partijiet fil-Kumitat Konġunt, jew abbażi ta' skambju ta' korrispondenza.
3. Kull sena, l-awtoritajiet tal-Kap Verde għandhom jiddeċiedu dwar l-allokkazzjoni, ta' ammont addizzjonali mal-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fl-Artikolu 2(2)(b) bil-għan li jiġi implimentat il-Programm Multiannwali. Din l-allokkazzjoni trid tiġi kkomunikata lill-Unjoni Ewropea sa mhux aktar tard minn xahrejn (2) qabel id-data tal-anniversarju tal-Protokoll attwali.
4. Kull sena ż-żewġ Partijiet għandhom jagħmlu, fi ħdan il-Kumitat Konġunt, evalwazzjoni tar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-Programm Settorjali Multiannwali. F'każ li din l-evalwazzjoni tindika li t-twettiq tal-għanijiet iffinanzjati direttament

mill-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fl-Artikolu 2(2)(b) ta' dan il-Protokoll, ma jkunx sodisfaċenti, l-Unjoni Ewropea ttrisserva d-dritt li tnaqqas is-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja bil-għan li taġġusta l-ammont allokati għall-implimentazzjoni tal-Programm fil-livell tar-riżultati.

Artikolu 4

Kooperazzjoni xjentifika dwar sajd responsabbli

1. Iż-żewġ Partijiet b'dan jippenjaw irwieħhom li jippromwovu s-sajd responsabbli fl-ilmijiet tal-Kap Verde fuq il-bażi tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn id-diversi flotot tas-sajd preżenti f'dawk l-ilmijiet.
2. Sakemm idum japplika dan il-Protokoll, l-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet tal-Kap Verde għandhom jaġmlu hilitom biex jimmonitorjaw il-qagħda tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Kap Verde.
3. Iż-żewġ Partijiet għandhom jirrispettaw ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) rigward il-ġestjoni responsabbli tas-sajd.
4. Skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-sajd, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet adottati fi ħdan l-ICCAT u fid-dawl tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw flimkien fi ħdan il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd sabiex jadottaw, jekk ikun il-każ wara laqgħa xjentifika u bi ftehim komuni, miżuri ta' ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd li jolqtu l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Aġġustament tal-opportunitajiet tas-sajd bi ftehim komuni

L-opportunitajiet tas-sajd imsemija fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu aġġustati bi ftehim komuni sakemm ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet adottati mill-ICCAT jikkonfermaw li dan l-aġġustament jiggarrantixxi l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd koperti minn dan il-Protokoll. F'dan il-każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemija fl-Artikolu 2(2)(a) għandha tiġi aġġustata proporzjonalment u *pro rata temporis* u jsiru l-emendi meħtieġa għal dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu.

Artikolu 6

Inċentivi għall-iżbark u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi

1. Iż-żewġ Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex itejbu l-opportunitajiet ta' żbark fil-portijiet Kap Verdjani.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiddefinixxi t-termini rilevanti għal dan il-għan kif ukoll il-livell ta' inċentivi finanzjarji li għandhom ikunu applikati.
3. Il-Partijiet għandhom jaġmlu hilitom sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-kumpaniji tagħhom, fi kwistjonijiet tekniċi,

ekonomiċi u kummerċjali, billi jrawmu ambjent li jippromwovi l-iżvilupp tan-negozju u tal-investimenti.

Artikolu 7

Sospensjoni tal-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja hekk kif imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a) u (b) tista' tiġi sospiża jekk xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:
 - (a) ċirkostanzi li mhumex normali, għajr fenomeni naturali, iwaqqfu l-eżerċizzju tal-attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE Kap Verdjana;
 - (b) wara bidliet sinifikanti fil-linji gwida politiċi li jkunu wasslu għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll, waħda miż-żewġ Partijiet titlob ir-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu bil-ħsieb li dawn jiġu emendati;
 - (c) l-Unjoni Ewropea tinnotta li l-Kap Verde kiser xi elementi essenzjali u fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi kif ipprovduti fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou.
2. L-Unjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li tissospendi parti minn jew il-ħlas kollu tal-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 2(2)(b) ta' dan il-Protokoll:
 - (a) Meta r-riżultati miksuba ma jkunux konformi mal-ipprogrammar wara evalwazzjoni magħmula mill-Kumitat Konġunt;
 - (b) F'każ li ma ssirx il-kontribuzzjoni finanzjarja.
3. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja jibda mill-ġdid wara konsultazzjoni u ftehim bejn iż-żewġ Partijiet malli tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni ta' qabel l-avvenimenti msemmija fil-paragrafu 1, u/jew meta r-riżultati tal-implimentazzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 2 jiġġustifikawh.

Artikolu 8

Sospensjoni tal-implimentazzjoni tal-Protokoll

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll tista' tiġi sospiża fuq inizzjattiva ta' waħda mill-Partijiet jekk xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu osservati:
 - (a) Ċirkostanzi li mhumex normali, kif speċifikati fl-Artikolu 7.3 (a) tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd, iwaqqfu l-eżerċizzju tal-attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE Kap Verdjana;
 - (b) Wara bidliet sinifikanti fil-linji gwida politiċi li jkunu wasslu għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll, waħda miż-żewġ Partijiet titlob ir-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu bil-ħsieb li dawn jiġu emendati;
 - (c) Waħda miż-żewġ Partijiet twettaq fir-rigward ta' elementi essenzjali u fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi kif ipprovduti fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou;

(d) L-Unjoni Ewropea tonqos li tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 2(2a), għal raġunijiet oħrajn minbarra dawk previsti fl-Artikolu 7 ta' dan il-Protokoll;

(e) Tilwima persistenti u li ma setgħetx tiġi solvuta fi ħdan il-Kumitat Konġunt bejn iż-żewġ Partijiet;

(f) Waħda miż-żewġ Partijiet ma tirrispettax id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll, l-Anness u l-Appendiċijiet.

2. Meta s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll isseħħ għal raġunijiet oħra minbarra dawk imsemmija fil-punt 1(c) hawn fuq, din tkun soġġetta għan-notifika bil-miktub mill-Parti kkonċernata tal-intenzjoni tagħha u għall-inqas tliet xhur qabel id-data ta' dħul fis-seħħ tas-sospensjoni. Is-sospensjoni tal-Protokoll minħabba r-raġunijiet imsemmija fil-punt 1(c) għandha tapplika minnufih wara li tittieħed id-deċiżjoni ta' sospensjoni.
3. F'każ ta' sospensjoni, il-Partijiet għandhom ikomplu bil-konsultazzjonijiet sabiex isibu soluzzjoni bonarja għat-tilwima ta' bejniethom. Meta tinkiseb tali soluzzjoni, il-Protokoll jibda japplika mill-ġdid u s-somma tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandha titnaqqas b'mod proporzjonali u *pro rata temporis* skont it-tul ta' żmien li matulu l-applikazzjoni tal-Protokoll kienet sospiża.

Artikolu 9

Kompjuterizzazzjoni tal-komunikazzjoni

1. Il-Kap Verde u l-UE jintrabtu li jistabbilixxu fl-iqsar żmien possibbli s-sistemi kompjuterizzati meħtieġa għall-komunikazzjoni elettronika tal-informazzjoni u tad-dokumenti kollha marbuta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim.
2. Hekk kif is-sistemi previsti fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu jibdwu jaħdmu, il-verżjoni elettronika ta' dokument għandha tkun ikkunsidrata ekwivalenti għall-verżjoni tiegħu fuq il-karta f'kull aspett.
3. Il-Kap Verde u l-UE għandhom jinnotifikaw lil xulxin minnufih rigward kwalunkwe ħsara fis-sistema kompjuterizzata. L-informazzjoni u d-dokumenti marbuta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim għandhom ikunu awtomatikament sostitwiti mill-verżjoni tagħhom fuq il-karta skont it-termini definiti fl-Anness.

Artikolu 10

Monitoraġġ bis-satellita

Il-Kap Verde għandu jistabbilixxi fl-iqsar żmien possibbli sistema ta' monitoraġġ bis-satellita (VMS) tal-bastimenti tas-sajd li jkunu qegħdin jistadu fl-ilmijiet tiegħu. Ladarba din is-sistema tkun stabbilita, id-dispożizzjonijiet definiti fl-Anness għal dan il-Protokoll għandhom japplikaw.

Artikolu 11
Kunfidenzjalità tad-dejta

Il-Kap Verde jintrabat li d-dejta kollha relatata mal-bastimenti tal-UE u mal-attivitajiet tas-sajd tagħhom miksuba taħt il-Ftehim jiġu ttrattati f'kull mument b'mod kunfidenzjali u użati biss għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 12
Dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi nazzjonali

1. L-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-UE li joperaw fl-ilmijiet tal-Kap Verde fil-qafas ta' dan il-Protokoll għandhom ikunu rregolati mil-liġi applikabbli fil-Kap Verde, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-pjan ta' ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd tal-Kap Verde, sakemm il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd, dan il-Protokoll, l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu ma jistipulawx mod ieħor.
2. L-awtoritajiet tal-Kap Verde għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwalunkwe tibdil jew kwalunkwe leġislazzjoni ġdida li tirrigwarda s-settur tas-sajd.

Artikolu 13
Tul ta' żmien

Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom japplikaw għal perjodu ta' tliet snin li jibda mill-applikazzjoni proviżorja skont l-Artikolu 15, sakemm ma jingħatax avviż tat-terminazzjoni skont l-Artikolu 14.

Artikolu 14
Terminazzjoni

1. Fil-każ ta' terminazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Parti kkonċernata għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li ttemm il-Protokoll mill-inqas sitt xhur qabel id-data li fiha sseħħ it-terminazzjoni.
2. Kif tintbagħat in-notifika msemmiya fil-paragrafu preċedenti għandhom jibdwew il-konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet.

Artikolu 15
Applikazzjoni proviżorja

Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom japplikaw b'mod proviżorju mill-1 ta' Settembru 2011.

Artikolu 16
Dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu jidħlu fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa f'dan ir-rigward.

ANNESS

KUNDIZZJONIJIET GĦAT-TWETTIQ TAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD FIŻ-ŻONA TAS-SAJD TAL-KAP VERDE MILL-BASTIMENTI TAL-UNJONI EWROPEA

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Il-ħatra tal-awtorità kompetenti

Għall-ħtiġijiet ta' dan l-Anness u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, kwalunkwe referenza għall-Unjoni Ewropea (UE) jew għall-Kap Verde bħala awtorità kompetenti tindika:

- għall-UE: il-Kummissjoni Ewropea, fejn xieraq permezz tad-delegazzjoni tal-UE fil-Kap Verde;
- għall-Kap Verde: il-Ministeru responsabbli mis-Sajd.

Iż-ŻEE nazzjonali

Il-Kap Verde għandu jikkomunika lill-UE, qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, il-koordinati ġeografiċi taż-ŻEE tiegħu kif ukoll tal-linji bażi.

Iż-żoni tas-sajd

Il-bastimenti tal-UE ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linji bażi.

Il-ħatra ta' aġent lokali

Kull bastiment tal-UE li jippjana li jiżbarka jew jittrażborda f'port tal-Kap Verde għandu jkun irrappreżentat minn aġent residenti fil-Kap Verde.

Il-kont bankarju

Il-Kap Verde għandu jinforma lill-UE qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll dwar id-dettalji tal-kont(ijiet) bankarju(i) li fuqu/fuqhom għandhom jiġu ddepożitati l-ammonti finanzjarji mħallsa mill-bastimenti tal-UE skont il-Ftehim. L-ispejjeż inerenti għat-trasferimenti bankarji għandhom jitħallsu mis-sidien tal-bastimenti.

KAPITOLU II

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

Prerekwiżit sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għas-sajd – bastimenti eliġibbli

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Ftehim għandhom jinħarġu bil-kundizzjoni li l-bastiment ikun imniżżel fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-UE u li l-obbligi preċedenti marbuta ma' sid il-bastiment, mal-kaptan jew mal-bastiment stess, li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' sajd tagħhom fil-Kap Verde skont il-Ftehim, ikunu ssodisfati.

Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-UE għandha tissottometti lill-Kap Verde applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għal kull bastiment li jixtieq jistad fil-qafas tal-Ftehim, mill-anqas 15-il jum qabel id-data tal-bidu tal-validità mitluba, billi tuża l-formola li tinsab fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness. L-applikazzjoni għandha tkun ittajpjata jew miktuba b'mod ċar b'ittri kbar.

Kull l-ewwel applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd skont il-Protokoll fis-seħħ, jew wara bidla teknika fil-bastiment ikkonċernat, l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn:

- i. prova tal-pagament tal-ħlas fiss għall-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd mitluba, kif ukoll tal-kontribuzzjoni fissa għall-osservaturi msemmija fil-Kapitolu X ta' dan l-Anness;
- ii. isem u l-indirizz tal-aġent lokali tal-bastiment; jekk ikun il-każ;
- iii. ritratt reċenti bil-kulur tal-bastiment, meħud mill-ġenb u ta' mhux inqas minn 15-il ċentimetru x 10 ċentimetri;
- iv kull dokument ieħor speċifikament meħtieġ skont il-Ftehim.

Meta tiġġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd taħt il-Protokoll fis-seħħ, fil-każ ta' bastiment li l-karatteristiċi tekniċi tiegħu ma jkunux inbidlu, l-applikazzjoni għat-tiġdid għandha tkun akkumpanjata biss mill-prova tal-pagament tal-ħlas u tal-kontribuzzjoni fissa għall-ispejjeż marbuta mal-osservatur.

Il-ħlasijiet fissi bil-quddiem

L-ammont tal-ħlas fiss għandu jkun stabbilit fuq bażi ta' rata annwali ddeterminata fl-iskedi tekniċi fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness. Dan għandu jinkludi t-taxxi nazzjonali u lokali kollha, minbarra t-taxxi tal-port, it-taxxi tat-trażbord u l-ispejjeż għas-servizzi.

Lista proviżorja tal-bastimenti awtorizzati għas-sajd

Malli jaslu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-Kap Verde għandu jistabbilixxi fl-iqsar żmien possibbli u għal kull kategorija ta' bastimenti l-lista proviżorja tal-bastimenti li applikaw. Din il-lista għandha tiġi kkomunikata minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli mill-kontroll tas-sajd u lill-UE.

L-UE għandha tibgħat il-lista proviżorja lil sid il-bastiment jew lill-aġent. F'każ li l-uffiċċji tal-UE jkunu magħluqa, il-Kap Verde jista' jibgħat il-lista proviżorja direttament lil sid il-bastiment, jew lill-aġent tiegħu, u jibgħat kopja lill-UE.

Ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

Il-Kap Verde għandu joħroġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd lil UE sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara li jirċievi l-fajl tal-applikazzjoni komplut.

F'każ ta' tiġdid ta' awtorizzazzjoni tas-sajd matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-Protokoll, l-awtorizzazzjoni l-ġdida għandu jkun fiha referenza ċara għall-awtorizzazzjoni inizjali tas-sajd.

L-UE għandha tibgħat l-awtorizzazzjoni tas-sajd lil sid il-bastiment jew lill-aġent. F'każ li l-uffiċċji tal-UE jkunu magħluqa, il-Kap Verde jista' jibgħat l-awtorizzazzjoni tas-sajd direttament lil sid il-bastiment, jew lid-destinatarju awtorizzat minnu, u jibgħat kopja lill-UE.

Listta tal-bastimenti awtorizzati għas-sajd

Mal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-Kap Verde għandu jistabbilixxi fl-iqsar żmien possibbli u għal kull kategorija ta' bastimenti l-lista definitiva tal-bastimenti awtorizzati li jistadu fiż-żona tal-Kap Verde. Din il-lista għandha tkun ikkomunikata minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli mill-kontroll tas-sajd u lill-UE u tissostitwixxi l-lista proviżorja msemmija hawn fuq.

Tul tal-validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd jibqgħu validi sa' sena u jistgħu jiġġeddu.

Sabiex ikun jista' jiġi determinat il-bidu tal-perjodu tal-validità, perjodu annwali jfisser:

- i. fl-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-Protokoll, il-perjodu bejn id-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena;
- ii. imbagħad, kull sena kalendarja sħiħa;
- ii. fl-aħħar sena tal-applikazzjoni tal-Protokoll, il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u d-data tal-iskadenza tal-Protokoll.

Żamma abbord tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinżamm abbord f'kull ħin.

Madankollu, il-bastimenti huma awtorizzati li jistadu malli jkunu mniżżla fuq il-lista proviżorja msemmija hawn fuq. Dawn il-bastimenti għandhom dejjem iżommu l-lista proviżorja abbord sa ma toħroġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd tagħhom.

Trasferiment tal-awtorizzazzjoni tas-sajd

L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tkun stabbilita għal bastiment speċifiku u mhijiex trasferibbli.

Madankollu, fil-każ ta' force majeure u fuq talba tal-Unjoni Ewropea, l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tiġi ssostitwita minn awtorizzazzjoni tas-sajd ġdida, maħruġa f'isem bastiment ieħor simili għall-bastiment li se jkun sostitwit.

It-trasferiment isir billi sid il-bastiment jew id-destinatarju awtorizzat minnu fil-Kap Verde jibgħat lura l-awtorizzazzjoni tas-sajd li sejra tkun sostitwita, u bl-istabbiliment fl-iqsar żmien possibbli mill-Kap Verde tal-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni. L-awtorizzazzjoni ta' sostituzzjoni għandha tintbagħat fl-iqsar żmien possibbli lil sid il-bastiment, jew lir-rappreżentant tiegħu, meta tintbagħat lura l-awtorizzazzjoni li sejra tkun sostitwita. L-

awtorizzazzjoni tas-sajd il-ġdida għandha tidħol fis-seħħ fl-istess jum li titħassar l-awtorizzazzjoni sostitwita.

Il-Kap Verde għandu jaġġorna fl-iqsar żmien possibbli l-lista tal-bastimenti awtorizzati li jistadu. Il-lista l-ġdida għandha tkun ikkomunikata minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli mill-kontroll tas-sajd u lill-UE.

Bastimenti ta' appoġġ

Fuq talba tal-UE, il-Kap Verde għandu jawtorizza l-bastimenti tal-UE li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd sabiex ikunu mgħejjuna minn bastimenti ta' appoġġ. Il-bastimenti ta' appoġġ għandhom itajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, jew ikunu parti minn kumpanija Ewropea, u ma jistgħux ikunu mġhamra biex jaqbd u lanqas jintużaw għat-trażbord.

Il-Kap Verde għandu jispeċifika l-attivitajiet ta' appoġġ kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' kisba tal-awtorizzazzjonijiet, u jistabbilixxi l-lista tal-bastimenti ta' appoġġ awtorizzati u jinnotifikaha minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli mill-kontroll tas-sajd u lill-UE.

KAPITOLU III

Miżuri tekniċi

Il-miżuri tekniċi applikabbli għall-bastimenti li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd, li jirrigwardaw iż-żona, l-irkaptu tas-sajd u l-qbid inċidentali, huma speċifikati għal kull kategorija tas-sajd fl-iskedi tekniċi fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

Il-bastimenti għandhom jirrispettaw ir-rakkomandazzjonijiet kollha adottati mill-ICCAT (Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku).

KAPITOLU IV

Dikjarazzjoni tal-qabdiet

Il-ġurnal tas-sajd

Il-kaptan ta' bastiment tal-UE li jistad fil-qafas tal-Ftehim għandu jżomm ġurnal tas-sajd, li l-mudell tiegħu għal kull kategorija ta' sajd jinsab fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

Il-ġurnal tas-sajd għandu jimtela mill-kaptan għal kull jum li l-bastiment ikun fiż-żona tas-sajd tal-Kap Verde.

Il-kaptan għandu jikteb kuljum fil-ġurnal tas-sajd il-kwantità ta' kull speċi, identifikata permezz tal-kodiċi Alfa 3 tal-FAO, maqbuda u miżmuma abbord, espressa f'kilogrammi ta' piż tal-ħut ħaj jew, jekk ikun il-każ, f'numri individwali. Il-kaptan għandu jniżżel ukoll f'każ li ma jinqabad xejn minn kwalunkwe speċi ewlenija.

Jekk ikun il-każ, il-kaptan għandu jirreġistra ukoll kuljum fil-ġurnal tas-sajd il-kwantitajiet ta' kull speċi mitfugħin lura fil-baħar, espressi f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, jekk ikun il-każ, f'numri individwali.

Il-ġurnal tas-sajd għandu jimtela b'mod ċar, b'ittri kbar, u jkun iffirmat mill-kaptan.

Il-preċiżjoni tal-informazzjoni rreġistrata fil-ġurnal tas-sajd taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-kaptan.

Dikjarazzjoni tal-qabdiet

Il-kaptan għandu jiddikjara l-qabdiet tal-bastiment billi jibgħat lill-Kap Verde l-ġurnali tas-sajd tiegħu għall-perjodu tal-preżenza tiegħu fiż-żona tas-sajd tal-Kap Verde.

Il-ġurnali tas-sajd għandhom jintbagħtu skont it-termini li ġejjin:

- i. f'każ ta' waqfa f'port tal-Kap Verde, kull oriġinal tal-ġurnal tas-sajd għandu jingħata lir-rappreżentant lokali tal-Kap Verde, li tiegħu għandu jagħti rċevuta bil-miktub;
- ii. f'każ ta' ħruġ miż-żona tas-sajd tal-Kap Verde mingħajr ma jgħaddi minn port tal-Kap Verde, kull oriġinal tal-ġurnal tas-sajd għandu jintbagħat fi żmien 14-il jum wara l-wasla fi kwalunkwe port ieħor, jew f'kull każ fi żmien 30 jum wara l-ħruġ miż-żona tal-Kap Verde
 - a. permezz ta' ittra mibgħuta lill-Kap Verde,
 - b. jew permezz ta' feks, fuq in-numru kkomunikat mill-Kap Verde,
 - c. jew permezz tal-posta elettronika.

Iż-żewġ Partijiet għandhom jagħmlu hilitom sabiex jistabbilixxu sistema ta' rappurtar tal-qabdiet ibbażata fuq skambju elettroniku tal-informazzjoni kollha.

Hekk kif il-Kap Verde jkun jista' jirċievi r-rapporti tal-qabdiet permezz tal-posta elettronika, il-kaptan għandu jibgħat il-ġurnali tas-sajd lill-Kap Verde fl-indirizz elettroniku kkomunikat mill-Kap Verde. Il-Kap Verde għandu jikkonferma minnufih li rċieva l-ġurnali permezz tal-posta elettronika.

Il-kaptan għandu jibgħat kopja tal-ġurnali tas-sajd kollha lill-UE. Fil-każ tal-bastimenti tat-tonn bit-tartarun u bil-konz tal-wiċċ, il-kaptan għandu jibgħat ukoll kopja tal-ġurnali kollha tas-sajd lil wieħed mill-istituti xjentifiċi li ġejjin:

- i. IRD (Institut de recherche pour le développement)
- ii. IEO (Instituto Español de Oceanografía),
- iii. IPIMAR (Instituto Português de Investigaçāo Maritima), jew
- iv. INDP (Instituto Nacional de Desenvolvimento das Pescas).

Ir-ritorn tal-bastiment fiż-żona tal-Kap Verde fil-perjodu tal-validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu jagħti lok għal rapport ġdid tal-qabdiet.

F'każ li d-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar tal-qabdiet ma jiġux irrispettati, il-Kap Verde jista' jissospendi l-awtorizzazzjoni tas-sajd bil-bastiment ikkonċernat sakemm jikseb ir-rapporti neqsin tal-qabdiet u jissanzjona lil sid il-bastiment skont id-dispożizzjonijiet previsti għal dan mil-liġi nazzjonali fis-seħħ. F'każ ta' nuqqas ta' rispett b'mod ripetut, il-Kap Verde

jista' jirrifjuta t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tas-sajd. Il-Kap Verde għandu jinforma minnufih lill-UE dwar kwalunkwe sanzjoni applikata f'dan il-kuntest.

Stqarrija finali tal-ħlasijiet għall-bastimenti tas-sajd tat-tonn u bil-konz tal-wiċċ

L-UE għandha tistabbilixxi għal kull bastiment tas-sajd tat-tonn bit-tartarun u bil-konz tal-wiċċ, stqarrija finali tal-ħlasijiet dovuti mill-bastiment taħt il-perjodu annwali ta' attività tas-sena preċedenti bbażata fuq ir-rapporti tal-qabdiet tiegħu kkonfermati mill-istituti xjentifiċi msemmija hawn fuq.

L-UE għandha tikkomunika din l-istqarrija finali lill-Kap Verde u lil sid il-bastiment qabel il-31 ta' Lulju ta' dik is-sena. Fi żmien 30 jum mid-data ta' trażmissjoni, il-Kap Verde jista' jikkontesta l-istqarrija finali, abbażi ta' elementi ta' evidenza. F'każ ta' nuqqas ta' ftehim, il-Partijiet għandhom jikkooperaw fi ħdan il-Kumitat Konġunt. Jekk il-Kap Verde ma jagħmilx oġġezzjoni fi żmien 30 jum, l-istqarrija finali tiġi meqjusa bħala adottata.

Jekk l-istqarrija finali tkun ogħla mil-ħlas fiss mħallas qabel għall-kisba tal-awtorizzazzjoni tas-sajd, sid il-bastiment għandu jħallas il-bilanċ lill-Kap Verde sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru ta' dik is-sena. Jekk l-istqarrija finali tkun inqas mis-somma fissa mħallsa qabel, sid il-bastiment ma jistax jirkupra s-somma li jifdal.

KAPITOLU V

Ħatt l-art u trażbord

Il-kaptan ta' bastiment tal-UE li jixtieq iħott f'port tal-Kap Verde, jew jittrażborda qabdiet magħmula fiż-żona tal-Kap Verde, għandu jinnotifika lill-Kap Verde, mill-inqas 24 siegħa qabel il-ħatt l-art jew it-trażbord:

- a. l-isem tal-bastiment tas-sajd involut fit-trażbord jew fil-ħatt l-art,
- b. il-port fejn ser isir il-ħatt l-art jew it-trażbord,
- c. id-data u l-ħin previsti għall-ħatt l-art jew għat-trażbord,
- d. il-kwantità (espressa f'kilogrammi ta' piż tal-ħut ħaj jew, jekk ikun il-każ, f'numri individwali) għal kull speċi li tkun sejra tinħatt jew tiġi ttrażbordata (identifikata permezz tal-Kodiċi Alfa 3 tal-FAO tagħha),
- e. f'każ ta' trażbord, l-isem tal-bastiment destinatarju,
- f. iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-bastiment destinatarju.

L-operazzjoni ta' trażbord għandha ssir fl-ilmijiet ta' port tal-Kap Verde awtorizzat għal dan. Mhuwix permess it-trażbord fuq il-baħar.

Jekk id-dispożizzjonijiet ma jiġux irrispettati għandhom jiġu applikati s-sanzjonijiet previsti għal dan mil-liġi tal-Kap Verde.

Bastiment tal-UE li jħott f'port tal-Kap Verde jew li jbiegħ il-qabdiet tiegħu lil xi impjant tal-ipproċessar fil-Kap Verde jibbenifika minn inċentiv finanzjarju fil-forma ta' tnaqqis parzjali tal-ħlas, skont il-limiti stabbiliti fl-iskedi tekniċi fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

KAPITOLU VI

Kontroll

Dħul u ħruġ miż-żona

Kull dħul jew ħruġ miż-żona tas-sajd tal-Kap Verde ta' bastiment tal-UE li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd għandu jkun innotifikat lill-Kap Verde fi żmien 3 sigħat qabel id-dħul jew il-ħruġ.

Meta jinnotifika d-dħul jew il-ħruġ tiegħu, il-bastiment għandu jikkomunika b'mod partikolari:

- i. id-data, is-sieġha u r-rotta previsti;
- ii. il-kwantità ta' kull speċi miżmuma abbord, identifikata permezz tal-Kodiċi Alfa 3 tal-FAO tagħha u espressa f'kilogrammi ta' piż tal-ħut ħaj jew, jekk ikun il-każ, f'numri individwali;
- iii. il-preżentazzjoni tal-prodotti.

Il-komunikazzjoni għandha ssir preferibbilment permezz tal-posta elettronika, jew inkella, b'feks jew bir-radju, f'indirizz elettroniku, numru tat-telefon jew fuq frekwenza mogħtija mill-Kap Verde. Il-Kap Verde għandu jikkomunika minnufih lill-bastimenti kkonċernati u lill-UE kwalunkwe tibdil fl-indirizz elettroniku, in-numru tat-telefown jew il-frekwenza ta' trażmissjoni.

Kull bastiment li jinqabad jistad fiż-żona tal-Kap Verde mingħajr ma jkun avża minn qabel il-preżenza tiegħu jitqies bħala bastiment mingħajr awtorizzazzjoni tas-sajd.

Spezzjoni fuq il-baħar

L-ispezzjoni fuq il-baħar fiż-żona tal-Kap Verde li ssir fuq il-bastimenti tal-UE li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandha ssir minn bastimenti u spetturi tal-Kap Verde faċilment identifikabbli bħala uffiċjali maħtura għall-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd.

Qabel ma jitilgħu abbord, l-ispetturi tal-Kap Verde għandhom javżaw lill-bastiment tal-UE dwar id-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu spezzjoni. L-ispezzjoni għandha ssir minn mhux aktar minn żewġ spetturi, li jkollhom juru l-identità u l-kwalifika tagħhom ta' spettur qabel jibdw l-ispezzjoni.

L-ispetturi tal-Kap Verde għandhom jibqgħu abbord il-bastiment tal-UE iż-żmien meħtieġ biex iwettqu l-kompiti marbuta mal-ispezzjoni. Huma għandhom jagħmlu spezzjoni b'mod li jillimitaw l-impatt fuq il-bastiment, l-attività tas-sajd u l-merkanzija tiegħu.

Il-Kap Verde jista' jawtorizza lill-UE sabiex tipparteċipa fl-ispezzjoni fuq il-baħar bħala osservatur.

Il-kaptan tal-bastiment tal-UE għandu jiffaċilita l-imbark u x-xogħol tal-ispetturi tal-Kap Verde.

Fl-aħħar ta' kull spezzjoni, l-ispetturi tal-Kap Verde għandhom jagħmlu rapport dwar l-ispezzjoni. Il-kaptan tal-bastiment tal-UE għandu d-dritt li jinkludi l-kummenti tiegħu fir-rapport tal-ispezzjoni. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jkun iffirmat mill-ispettur li jagħmel ir-rapport u mill-kaptan tal-bastiment tal-UE.

L-ispetturi tal-Kap Verde għandhom iħallu kopja tar-rapport ta' spezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tal-UE qabel ma jinżlu mill-bastiment. Il-Kap Verde għandu jittrażmetti kopja tar-rapport ta' spezzjoni lill-UE fi żmien 8 ijiem wara l-ispezzjoni.

Spezzjoni fil-port

L-ispezzjoni fil-port tal-bastimenti tal-UE li jħottu l-art jew jittrażbordaw, fl-ilmijiet ta' port tal-Kap Verde, qabdiet magħmula fiż-żona tal-Kap Verde għandha ssir minn spetturi tal-Kap Verde faċilment identifikabbli bħala uffiċjali maħtura għall-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd.

L-ispezzjoni għandha ssir minn mhux aktar minn żewġ spetturi, li jkollhom juru l-identità u l-kwalifika tagħhom ta' spettur qabel jibdew l-ispezzjoni. L-ispetturi tal-Kap Verde għandhom jibqgħu abbord il-bastiment tal-UE iż-żmien meħtieġ biex iwettqu l-kompiti marbuta mal-ispezzjoni. Huma għandhom jagħmlu spezzjoni b'mod li jillimitaw l-impatt fuq il-bastiment, fuq l-attività ta' ħatt l-art jew ta' trażbord u fuq il-merkanzija tiegħu.

Il-Kap Verde jista' jawtorizza lill-UE sabiex tipparteċipa fl-ispezzjoni fuq il-baħar bħala osservatur.

Il-kaptan tal-bastiment tal-UE għandu jiffaċilita x-xogħol tal-ispetturi tal-Kap Verde.

Fl-aħħar ta' kull spezzjoni, l-ispettur tal-Kap Verde għandu jagħmel rapport dwar l-ispezzjoni. Il-kaptan tal-bastiment tal-UE għandu d-dritt li jinkludi l-kummenti tiegħu fir-rapport tal-ispezzjoni. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jkun iffirmat mill-ispettur li jagħmel ir-rapport u mill-kaptan tal-bastiment tal-UE.

L-ispettur tal-Kap Verde għandu jħalli kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tal-UE malli tintemm l-ispezzjoni. Il-Kap Verde għandu jittrażmetti kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-UE fi żmien 8 ijiem wara l-ispezzjoni.

KAPITOLU VII

Sistema ta' monitoraġġ bis-satellita (VMS)

Messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti – sistema VMS

Meta jkunu fiż-żona tal-Kap Verde, il-bastimenti tal-UE li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ bis-satellita (Vessel Monitoring System - VMS) li tiżgura l-komunikazzjoni awtomatika u kontinwa tal-pożizzjoni tagħhom, f'kull ħin, liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd (Fisheries Monitoring Center – FMC) tal-Istat tal-bandiera.

Kull messaġġ ta' pożizzjoni għandu

- i. jinkludi

- a. l-identifikazzjoni tal-bastiment,
- b. l-aktar pożizzjoni ġeografika reċenti tal-bastiment (lonġitudni, latitudni) b'marġini ta' żball ta' inqas minn 500 metru u b'livell ta' fiduċja ta' 99 %.
- c. id-data u l-ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni,
- d. il-veloċità u l-limitu tal-bastiment;
- ii. ikun ikkonfiguratur skont il-format fl-Appendiċi 4 ta' dan l-Anness.

L-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara d-dħul fiż-żona tal-Kap Verde għandha tkun identifikata bil-kodiċi “ENT”. Il-pożizzjonijiet kollha sussegwenti għandhom ikunu identifikati bil-kodiċi “POS”, minbarra l-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara l-ħruġ miż-żona tal-Kap Verde, li għandha tkun identifikata bil-kodiċi “EXP”.

L-FMC tal-Istat tal-bandiera għandu jipprovdi l-ipproċessar awtomatiku u, f'dak il-każ, it-trażmissjoni elettronika tal-messaġġi ta' pożizzjoni. Il-messaġġi ta' pożizzjoni għandhom ikunu rreġistrati b'mod sigur u miżmuma għal perjodu ta' tliet snin.

Trażmissjoni mill-bastiment f'każ ta' ħsara tas-sistema VMS

Il-kaptan għandu jiżgura f'kull ħin li s-sistema VMS tal-bastiment tiegħu hija għal kollox operattiva u li l-messaġġi ta' pożizzjoni jkunu trażmessi b'mod korrett lill-FMC tal-Istat tal-bandiera.

F'każ ta' ħsara, is-sistema VMS tal-bastiment għandha tisewwa jew tiġi sostitwita fi żmien xahar. Wara dan iż-żmien, il-bastiment ma jkunx aktar awtorizzat jistad fiż-żona tal-Kap Verde.

Il-bastimenti li jistadu fiż-żona tal-Kap Verde b'sistema VMS difettuża għandhom jikkomunikaw il-messaġġi ta' pożizzjoni tagħhom permezz tal-posta elettronika, bir-radju jew bil-feks lill-FMC tal-Istat tal-bandiera, mill-inqas kull erba' sigħat, billi jagħtu l-informazzjoni kollha meħtieġa.

Komunikazzjoni sikura tal-messaġġi ta' pożizzjoni lill-Kap Verde

L-FMC tal-Istat tal-bandiera jittrażmetti awtomatikament il-messaġġi ta' pożizzjoni tal-bastimenti kkonċernati lill-FMC tal-Kap Verde. L-FMCs tal-Istat tal-bandiera u tal-Kap Verde għandhom jiskambjaw bejniethom l-indirizzi elettroniċi ta' kuntatt u jinfurmaw minnufih lil xulxin bi kwalunkwe tibdil f'dawn l-indirizzi.

It-trażmissjoni tal-messaġġi ta' pożizzjoni bejn l-FMCs tal-Istat tal-bandiera u tal-Kap Verde għandha ssir b'mod elettroniku skont sistema ta' komunikazzjoni sikura.

L-FMC tal-Kap Verde għandu jinforma minnufih lill-FMC tal-Istat tal-bandiera u lill-UE dwar kwalunkwe interruzzjoni fil-wasla tal-messaġġi ta' pożizzjoni konsekuttivi ta' bastiment li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd, meta l-bastiment ikkonċernat ma jkunx innotifika l-ħruġ tiegħu miż-żona.

Funzjonament ħażin tas-sistema ta' komunikazzjoni

Il-Kap Verde għandu jassigura l-kompatibbiltà tat-tagħmir elettroniku tiegħu ma' dak tal-FMC tal-Istat tal-bandiera u jinforma minnufih lill-UE dwar kull ħsara fil-komunikazzjoni u fil-wasla tal-messaġġi ta' pożizzjoni, bl-għan li tinstab soluzzjoni teknika fl-inqas żmien possibbli. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun mgħarraf rigward kwalunkwe tilwima.

Il-kaptan jitqies responsabbli għal kull manipulazzjoni fis-sistema VMS tal-bastiment bil-ħsieb li tfixxkel il-funzjonament tagħha jew tiffalsifika l-messaġġi ta' pożizzjoni. Kull reat ikun soġġett għas-sanzjonijiet previsti mil-liġi fis-seħħ tal-Kap Verde.

Reviżjoni tal-frekwenza tal-messaġġi ta' pożizzjoni

Fuq il-bażi ta' elementi fondati li jipprovdu evidenza ta' reat, il-Kap Verde jista' jitlob lill-FMC tal-Istat tal-bandiera, b'kopja lill-UE, li jnaqqas l-intervall ta' trażmissjoni tal-messaġġi ta' pożizzjoni ta' bastiment għal intervall ta' tletin minuta għal perjodu ta' investigazzjoni partikolari. Dawn l-elementi ta' evidenza għandhom ikunu trażmessi mill-Kap Verde lill-FMC tal-Istat tal-bandiera u lill-UE. L-FMC tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat minnufih lill-Kap Verde l-messaġġi ta' pożizzjoni skont il-frekwenza l-ġdida.

Wara l-perjodu ta' investigazzjoni partikolari, il-Kap Verde għandu jinforma lill-FMC tal-Istat tal-bandiera u lill-UE dwar monitoraġġ li jista' jkun meħtieġ.

KAPITOLU VIII

Ksur

Trattament tal-ksur

Kull ksur imwettaq minn bastiment tal-UE li għandu awtorizzazzjoni tas-sajd skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness għandu jissewma f'rapport ta' spezzjoni.

Il-firma tar-rapport ta' spezzjoni mill-kaptan ma tippreġudikax id-dritt għad-difiża ta' sid il-bastiment fil-konfront tal-ksur denunzjat.

Waqfien tal-bastiment – Laqgħa ta' informazzjoni

Fejn ikun permess, skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ tal-Kap Verde fir-rigward ta' ksur denunzjat, kull bastiment tal-UE involut fir-reat jista' jkun imġiegħel iwaqqaf l-attività tas-sajd tiegħu u, meta l-bastiment ikun fuq il-baħar, li jidħol lura f'port tal-Kap Verde.

Il-Kap Verde għandu jinnotifika lill-UE, fi żmien massimu ta' 24 siegħa, kull waqfien ta' bastiment tal-UE li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd. Din in-notifika għandha tkun akkumpanjata mill-elementi ta' evidenza tar-reat denunzjat.

Qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura fil-konfront tal-bastiment, tal-kaptan, tal-ekwipaġġ jew tat-tagħbija, minbarra l-miżuri maħsuba għall-konservazzjoni tal-provi, il-Kap Verde għandu jorganizza fuq talba tal-UE, fi żmien ġurnata tax-xogħol wara n-notifika tal-waqfien tal-bastiment, laqgħa ta' informazzjoni sabiex jispjega l-fatti li jkunu wasslu għall-waqfien tal-bastiment u jispjega kwalunkwe konsegwenza. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jista' jattendi għal din il-laqgħa ta' informazzjoni.

Sanzjoni għall-ksur – Proċedura ta' kompromess

Is-sanzjoni għall-ksur denunzjat għandha tkun stabbilita mill-Kap Verde skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali fis-seħħ.

Meta s-soluzzjoni tar-reat tinvolvi proċedura ġudizzjarja, qabel jingħata bidu għaliha, u sakemm ir-reat ma jkunx jinvolvi att kriminali, tinfetħ proċedura ta' kompromess bejn il-Kap Verde u l-UE sabiex ikunu ddeterminati t-termini u l-livell tas-sanzjoni. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jista' jattendi għal din il-proċedura ta' kompromess. Il-proċedura ta' kompromess tintemm sa mhux aktar tard minn 3 ijiem wara n-notifika tal-waqfien tal-bastiment.

Proċedimenti legali – garanzija bankarja

Jekk il-proċedura ta' kompromess ma tirnaxx u l-ksur jittella' quddiem il-qorti ġudizzjarja kompetenti, sid il-bastiment involut fir-reat għandu jiddepożita garanzija bankarja fil-bank magħżul mill-Kap Verde u li l-ammont tagħha, stabbilit mill-Kap Verde, ikopri l-ispejjeż marbuta mal-waqfien tal-bastiment, il-multa stmata u kwalunkwe kumpens. Il-garanzija bankarja tibqa' marbuta sakemm tintemm il-proċedura ġudizzjarja.

Il-garanzija bankarja tiġi rilaxxata u tingħata lura lil sid il-bastiment minnufih wara li tingħata s-sentenza:

- a. kollha, jekk ma tingħata l-ebda sanzjoni,
- b. sal-bilanċ li jifdal, f'każ li l-kundanna twassal għal multa inferjuri għall-garanzija bankarja.

Il-Kap Verde għandu jinforma lill-UE dwar ir-riżultati tal-proċedura ġudizzjarja fi żmien 8 ijiem mill-ġhoti tas-sentenza.

Ir-rilaxx tal-bastiment u l-ekwipaġġ

Il-bastiment għandu jinħeles u l-ekwipaġġ tiegħu jitħalla jitlaq mill-port wara l-ħlas tal-multa stabbilita fil-proċedura ta' kompromess, jew wara d-depożitu tal-garanzija bankarja.

KAPITOLU IX

Imbark tal-baħrin

Numru ta' baħrin li għandhom ikunu imbarkati

Waqg l-attività tas-sajd tagħhom fiż-żona tal-Kap Verde l-bastimenti tal-UE għandhom itellgħu abbord baħrin mill-Kap Verde fil-limiti li ġejjin:

- a. il-flotta ta' bastimenti tas-sajd tat-tonn bit-tartarun għandha ttella' mill-inqas 6 baħrin;
- b. il-flotta ta' bastimenti tat-tonn li jistadu bil-qasab għandha ttella' mill-inqas 2 baħrin;
- c. il-flotta ta' bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ għandha ttella' mill-inqas 5 baħrin.

Is-sidien tal-bastimenti tal-UE għandhom jagħmlu minn kollox sabiex itellgħu abbord baħrin oħrajn mill-Kap Verde.

Għażla ħielsa tal-baħrin

Il-Kap Verde għandu jkollu lista tal-baħrin mill-Kap Verde kkwalifikati sabiex jittellgħu abbord il-bastimenti tal-UE.

Sid il-bastiment, jew id-destinatarju awtorizzat minnu, għandu jagħżel liberament minn din il-lista l-baħrin tal-Kap Verde li ser itella' abbord u jinnotifika lill-Kap Verde dwar ir-reġistrazzjoni tagħhom fost l-ekwipaġġ.

Kuntratti tal-baħrin

Fil-każ tal-baħrin mill-Kap Verde, il-kuntratt ta' impjeg għandu jkun stabbilit minn sid il-bastiment jew id-destinatarju awtorizzat minnu u l-baħri, possibbilment irrappreżentat mill-unjin tiegħu. Dan ikun kopert mill-Awtorità marittima tal-Kap Verde u jistipula b'mod partikolari d-data u l-port tat-tluġh abbord.

Il-kuntratt jigarantixxi lill-baħri l-benefiċċju tal-iskema tas-sigurtà soċjali applikabbli għalih fil-Kap Verde. Għandu jinkludi assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u tal-inċidenti.

Kopja tal-kuntratt għandha tingħata lill-firmatarji.

Id-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol stabbiliti mid-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) għandhom japplikaw għall-baħrin mill-Kap Verde. B'mod partikolari din tirrigwarda d-dritt ta' assoċjazzjoni u tal-għarfien effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjegi u tax-xogħol.

Salarju tal-baħrin

Is-salarju tal-baħrin mill-Kap Verde għandu jitħallas minn sid il-bastiment. Dan għandu jiġi stabbilit qabel ma tinħareġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd u bi qbil komuni bejn is-sid jew d-destinatarju awtorizzat minnu u l-Kap Verde.

Is-salarju ma jistax ikun inferjuri għal dak applikabbli għall-ekwipaġġi tal-bastimenti nazzjonali, u lanqas għall-istandards tal-ILO.

Obbligi tal-baħri

Il-baħri għandu jirrapporta lill-kaptan tal-bastiment indikat lil-lejliet id-data ta' imbark stipulata fil-kuntratt tiegħu. Il-kaptan għandu jinforma lill-baħri dwar id-data u l-ħin tal-imbark. Jekk il-baħri jabbanduna jew ma jirrapportax fid-data u l-ħin previsti għall-imbark, il-kuntratt ta' dan il-baħri jaqa' u sid il-bastiment awtomatikament jinħall mill-obbligu li jtella' lil dan il-baħri abbord. F'dan il-każ, sid il-bastiment ma jkun soġġett għall-ebda multa jew kumpens.

Nuqqas ta' imbark ta' baħrin mill-Kap Verde

Is-sidien tal-bastimenti ta' flotta li ma jtellgħux abbord baħrin Kap Verdjani, għandhom iħallsu, qabel it-30 ta' Settembru ta' dik is-sena, għal kull baħri taħt in-numru ffissat fil-bidu

ta' din it-taqsim, somma fissa ta' EUR 20 għal kull jum li matulu l-bastimenti tagħhom ikunu preżenti fiż-żona tal-Kap Verde.

Il-Kap Verde għandu juża din is-somma sabiex jiffinanzja t-taħriġ ta' baħrin nazzjonali.

KAPITOLU X

Osservaturi tal-Kap Verde

Osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd

Il-bastimenti awtorizzati li jistadu għandhom ikunu soġġetti għal sistema ta' osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tagħhom skont il-Ftehim.

Din is-sistema ta' osservazzjoni għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet previsti mir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku).

Bastimenti u osservaturi magħżula

Il-Kap Verde għandu jagħżel il-bastimenti tal-UE li jtellgħu abbord osservatur kif ukoll l-osservatur assenjat lilu sa mhux aktar tard minn 15-il jum qabel id-data prevista għall-imbark tal-osservatur.

Meta tinhereġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-Kap Verde għandu jinforma lill-UE u lil sid il-bastiment, jew id-destinatarju awtorizzat minnu, dwar il-bastimenti u l-osservaturi magħżula, kif ukoll iż-żmien tal-preżenza tal-osservatur abbord kull bastiment. Il-Kap Verde għandu jinforma minnufih lill-UE u lil sid il-bastiment, jew ir-rappreżentant tiegħu, dwar kwalunkwe tibdil fil-bastimenti u l-osservaturi magħżula.

Il-Kap Verde għandu jagħmel ħiltu sabiex ma jagħżilx osservaturi għall-bastimenti li diġà jkollhom osservatur abbord jew li jkunu jinsabu diġà taħt l-obbligu formali li jtellgħu abbord osservatur waqt l-attività tas-sajd ikkonċernata, waqt l-attivitajiet tagħhom f'żoni oħrajn ta' sajd minbarra dawk tal-Kap Verde.

Iż-żmien ta' preżenza tal-osservatur abbord il-bastiment ma jistax jaqbeż iż-żmien meħtieġ sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu.

Kontribuzzjoni finanzjarja fissa

Mal-pagament tal-ħlas fiss, sid il-bastiment għandu jħallas lill-Kap Verde ammont fiss ta' EUR 100 fis-sena għal kull bastiment.

Salarju tal-osservatur

Is-salarju u l-ispejjeż soċjali tal-osservatur jitħallsu mill-Kap Verde.

Kundizzjonijiet tal-imbark

Il-kundizzjonijiet tal-imbark tal-osservatur, b'mod partikolari ż-żmien tal-preżenza abbord, huma definiti bi ftehim komuni bejn sid il-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu u l-Kap Verde.

Abbord, l-osservatur għandu jiġi ttrattat bħala uffiċjal. Madankollu, l-akkomodazzjoni abbord tal-osservatur għandha tikkunsidra l-istruttura teknika tal-bastiment.

L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-ikel abbord il-bastiment jitħallsu minn sid il-bastiment.

Il-kaptan għandu jieħu l-miżuri kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu sabiex jassigura s-sigurtà fiżika u l-benessri ġenerali tal-osservatur.

L-osservatur għandu jingħata l-faċilitajiet kollha meħtieġa sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu. Huwa għandu jkollu aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni, għad-dokumenti relatati mal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment, b'mod partikolari l-ġurnal tas-sajd u l-ktieb tan-navigazzjoni, kif ukoll għall-partijiet tal-bastiment marbuta direttament mal-kompiti tiegħu.

Obbligu tal-osservatur

Matul il-preżenza tiegħu abbord, l-osservatur:

- a. għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex la jinterrompi u lanqas itellef l-attivitajiet tas-sajd;
- b. jirrispetta l-proprjetà u t-tagħmir li jkun hemm fuq il-bastiment;
- c. jirrispetta l-kunfidenzjalità ta' kull dokument tal-bastiment.

Imbark u żbark tal-osservatur

L-imbark tal-osservatur għandu jsir fil-port magħżul minn sid il-bastiment.

Sid il-bastiment jew id-destinatarju awtorizzat minnu għandu jikkomunika lill-Kap Verde, b'avviż bil-quddiem ta' 10 ijiem qabel l-imbark, id-data, il-ħin u l-port għall-imbark tal-osservatur. F'każ li l-osservatur jittella' abbord f'pajjiż barrani, l-ispejjeż tal-vjaġġ tiegħu biex jaasal fil-port tal-imbark jitħallsu minn sid il-bastiment.

F'każ li l-osservatur ma jippreżentax ruħu għall-imbark sa 12-il siegħa wara d-data u l-ħin miftiehma, sid il-bastiment jinħall awtomatikament mill-obbligu tiegħu li jtella' abbord lil dan l-osservatur. Huwa jkun liberu li jħalli l-port u jibda l-attivitajiet tas-sajd tiegħu.

Meta l-osservatur ma jitniżżilx f'port tal-Kap Verde, sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż tal-vjaġġ tal-osservatur lura lejn il-Kap Verde fl-iqsar żmien possibbli.

Kompiti tal-osservatur

L-osservatur għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

- a) josserva l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment;
- b) jivverifika l-pożizzjoni tal-bastiment waqt l-attivitajiet tas-sajd;
- c) jieħu kampjun bijoloġiku bħala parti mill-programm xjentifiku;
- d) jieħu nota tal-irkaptu tas-sajd użat;

- e) jivverifika l-informazzjoni rrappurtata fil-ġurnal ta' abbord dwar il-qabdiet li jkunu saru fiż-żona tal-Kap Verde;
- f) jivverifika l-perċentwali tal-qabdiet inċidentali u jagħmel stima ta' kemm sar rimi mill-qabda;
- g) jikkomunika l-osservazzjonijiet tiegħu bir-radju, feks jew posta elettronika, mill-inqas darba fil-ġimgħa meta l-bastiment jopera fiż-żona tal-Kap Verde, inkluż il-volum abbord tal-qabdiet ewlenin u sekondarji.

Ir-rapport tal-osservatur

Qabel ma jħalli l-bastiment, l-osservatur għandu jippreżenta rapport tal-osservazzjonijiet tiegħu lill-kaptan tal-bastiment. Il-kaptan tal-bastiment għandu d-dritt li jinkludi l-kummenti tiegħu fir-rapport tal-osservatur. Ir-rapport għandu jkun iffirmat mill-osservatur u mill-kaptan. Il-kaptan għandu jingħata kopja tar-rapport mill-osservatur.

L-osservatur għandu jagħti r-rapport tiegħu lill-Kap Verde, li jibgħat kopja tiegħu lill-UE fi żmien 8 ijiem wara l-iżbark tal-osservatur.

Appendiċijiet għal dan l-Anness

1. Appendiċi 1 – Formola għat-talba għall-awtorizzazzjoni tas-sajd
2. Appendiċi 2 – Skedi tekniċi
3. Appendiċi 3 – Ġurnal tas-sajd
4. Appendiċi 4 – Format tal-messaġġ ta' pożizzjoni VMS

Appendiċi 1 – Formola għat-talba għall-awtorizzazzjoni tas-sajd

MINISTERU TAS-SAJD

Applikazzjoni għal-liċenzja tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd industrijali barranin:

1. Isem ta' sid il-bastiment:
2. Indirizz ta' sid il-bastiment:
3. Isem tar-rappreżentant jew tal-aġent lokali ta' sid il-bastiment:
4. Indirizz tar-rappreżentant jew aġent lokali ta' sid il-bastiment:
5. Isem tal-kaptan:
6. Isem tal-bastiment:
7. Numru ta' reġistrazzjoni:
8. Data u post tal-kostruzzjoni:
9. Pajjiż ta' reġistrazzjoni:
10. Port ta' reġistrazzjoni:
11. Port ta' manutenzjoni:
12. Tul totali:
13. Wisa':
14. Tunnellaġġ gross:
15. Tunnellaġġ likwidu:
16. Kobor tal-istiva:
17. Kobor tal-friġġ u tal-friża
18. Tip u qawwa tal-magna:
19. Irkaptu tas-sajd:
20. Numru ta' baħrin:
21. Sistema ta' komunikazzjoni:
22. Kodiċi tar-radju
23. Sinjali ta' identifikazzjoni:
24. Tip ta' sajd ipprattikat:
25. Post ta' żbark tal-qabdiet:
26. Żoni tas-sajd:
27. Speċijiet li għandhom jinqabdu:
28. Perjodu ta' validità
29. Kundizzjonijiet speċjali:
30. Attivitajiet oħrajn tal-offerent fil-Kap Verde

L-opinjoni tad-Direttorat Ġenerali tas-Sajd:

Kummenti mid-Dipartiment tas-Sajd, Agrikultura u l-Ħajja rurali:

Appendiċi 2 – Skedi tekniċi

SKEDA 1: BASTIMENTI TAT-TONN BIL-KONZ

(2) Żona tas-sajd:	
Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi	
(3) Irkaptu awtorizzat:	
Konzijiet	
(4) Qabdiet inċidentali:	
Konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u l-FAO.	
(5) Tunnellaġġ awtorizzat / Ħlasijiet:	
Ħlas addizzjonali għal kull tunnellata maqbuda	EUR 25/tunnellata
Ħlas fiss annwali:	EUR 450 għal kull 18-il tunnellata għal kull bastiment
Numru ta' bastimenti awtorizzati li jistadu	11-il bastiment
(6) Inċentiv finanzjarju għall-iżbark volontarju u għall-bejgħ tal-qabdiet	
- Il-bastimenti li jħottu l-art b'mod volontarju f'port tal-Kap Verde jibbenefikaw minn tnaqqis fuq il-ħlas ta' EUR 5 għal kull tunnellata żbarkata. Tnaqqis addizzjonali ta' EUR 5 għal kull tunnellata mibjugħa tingħata f'każ ta' bejgħ ta' prodotti tas-sajd lil impjant tal-ipproċessar fil-Kap Verde. - Dan il-mekkaniżmu japplika sa 50% massimu tal-fattura finali tal-qabdiet.	

SKEDA 2: BASTIMENTI TAS-SAJD GĦAT-TONN BIT-TARTARUN U BIL-KONZ TAL-WIĊĊ

(1) Żona tas-sajd:	
Lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi.	
(2) Irkaptu awtorizzat:	
- Tartarun - Konz tal-wiċċ	
(3) Qabdiet inċidentali:	
Konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u l-FAO.	
(4) Tunnellaġġ awtorizzat / ħlasijiet:	
Ħlas addizzjonali għal kull tunnellata maqbuda	EUR 35/tunnellata
Ħlas annwali fiss:	- EUR 4375 għal kull 125 tunnellata għal kull bastiment tas-sajd bit-tartarun - EUR 3150 għal kull 90 tunnellata għal kull bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ
Ħlas addizzjonali għal kull tunnellata maqbuda	28-il bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun EUR 35/tunnellata
(5) Inċentiv finanzjarju għall-iżbark volontarju u għall-bejgħ tal-qabdiet	
- Il-bastimenti li jħottu l-art b'mod volontarju f'port tal-Kap Verde jibbenefikaw minn tnaqqis fuq il-ħlas ta' EUR 5 għal kull tunnellata żbarkata. Tnaqqis addizzjonali ta' EUR 5 għal kull tunnellata mibjugħa tingħata f'każ ta' bejgħ ta' prodotti tas-sajd lil impjant tal-ipproċessar fil-Kap Verde. - Dan il-mekkaniżmu japplika sa 50 % massimu tal-fattura finali tal-qabdiet.	

Appendiçi 3 – Ġurnal tas-sajd

ĠURNAL TA' ABBORD TAL-ICCAT GĦAS-SAJD TAT-TONN

	Konz
	Lixka ħajja
	Purse Seine
	Tkarkir
	(Outres) Oħrajn

Isem tal-bastiment:	Tunnellaġġ gross:	TLUQ tal-bastiment:	Xahar	Jum	Sena	Port	Tkarkir (Outres) Oħrajn
Pajjiż bandiera:	Kapaċità – (TM):						
Numru ta' reġistrazzjoni:	Kaptan:						
Sid:	Numru tal-membri tal-ekwipaġġ:						
Indirizz:	Data tar-rapport:	RITORN tal-bastiment:					
	(Awtur tar-rapport):	Numru ta' jiem fuq il-baħar:		Numru ta' ġranet ta' sajd:			Nru tas-sajda:
				Numru ta' rkiekel:			

[illegible]

Noti

1 – Uża paġna għal kull xahar u ringiela għal kull jum.

3 – “Jum” tffisser il-jum li fih jintrama l-konz.

5 – L-aħħar ringiela (Kwantitajiet imħatta) għandha timtela biss meta tintemm is-sajda. Għandek tindika l-piż reali fil-mument tal-ħatt.

2 – Fit-tmiem ta' kull sajda, ibgħat kopja tal-ġurnal lill-korrispondent tiegħek jew lill-ICCAT, Calle Corazón de María, 8, 28002 Madrid. Spanja.

4 – Is-settur tas-sajd jagħżel il-pożizzjoni tal-bastiment. Ikteb il-minuti sal-eqreb figura sħiħa u indika l-grad tal-latitudni u tal-lonġitudni. Jekk jogħġbok indika T/N u L/P.

6 – L-informazzjonijiet inklużi hawnhekk jinżammu strettament kunfidenzjali.

Appendiċi 4 – Format tal-messaġġ tal-pożizzjoni VMS

**KOMUNIKAZZJONI TAL-MESSAĠĠI VMS LILL-KAP VERDE
RAPPORT TAL-POŻIZZJONI**

Informazzjoni	Kodiċi	Obbligatorju /Fakultattiv	Kontenut
Bidu tar-registrazzjoni	SR	O	Dejta dwar is-sistema – tindika l-bidu tar-registrazzjoni
Destinatarju	AD	O	Dejta dwar il-messaġġ – destinatarju. Kodiċi ISO Alfa 3 tal-pajjiż
Mittenti	FR	O	Dejta dwar il-messaġġ – mittenti. Kodiċi ISO Alfa 3 tal-pajjiż
Stat bandiera	FS	F	
Tip ta' messaġġ	TM	O	Dejta dwar il-messaġġ – Tip ta' messaġġ “POS”
Kodiċi tar-radju	RC	O	Dejta dwar il-bastiment – kodiċi internazzjonali tar-radju tal-bastiment
Numru ta' referenza interna għall-Parti kontraenti	IR	F	Dejta dwar il-bastiment – numru uniku tal-parti kontraenti (kodiċi ISO-3 tal-Istat bandiera segwit minn numru)
Numru tar-reġistrazzjoni esterna	XR	O	Dejta dwar il-bastiment – numru li jidher fuq il-ġenb tal-bastiment
Latitudni	LA	O	Dejta dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – pożizzjoni fi gradi u minuti T/N GGMM (WGS-84)
Lonġitudni	LO	O	Dejta dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – pożizzjoni fi gradi u minuti L/P GGGMM (WGS-84)
Rotta	CO	O	Rotta tal-bastiment fuq skala ta' 360°
Veloċità	SP	O	Veloċità tal-bastiment f'għexieren ta' mili nawtiċi
Data	DA	O	Dejta dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – data tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni UTC (SSSSXXJJ)
Ħin	TI	O	Dejta dwar il-pożizzjoni tal-bastiment – ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni UTC (SSMM)
Tmiem tar-registrazzjoni	ER	O	Dejta dwar is-sistema – tindika t-tmiem tar-registrazzjoni

Sett ta' karattri: ISO 8859.1

Kull trażmissjoni ta' dejta għandha tkun strutturata b'dan il-mod:

- linja mmejlja doppja (//) u kodiċi jindikaw il-bidu tat-trażmissjoni,
- linja mmejlja waħda (/) tiffred il-kodiċi mid-dejta.

Id-dejta fakultattiva għandha tiddaħħal bejn il-bidu u t-tmiem tar-reġistrazzjoni.